**3 ta' Ottubru, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Joseph Farrugia u Norman Buckle

*versus*

Joseph Belli fil-kwalità tiegħu ta' President, Louis Zammit fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju u Ian Formosa fil kwalità tiegħu ta' Teżorier, ilkoll uffiċjali ta' Fgura United Football Club għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess u Feliċ Abela.

## Appell - Li Sar b'Rikors u Mhux b'Petizzjoni Taħt ir-Rit · Preċedenti - Nullità ta'

*Ir-rilevanza tar-riportaġġ ta' dan l-Appell huwa bħala eżemplifikazzjoni mir-rekwiżiti dettati mir-Rit il-Qadim tal-Proċedura u tal-prassi addottata mill-Qorti in tematika ta' nullitajiet ta' Atti Ġudizzjarji.*

*Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet preġudizzjali preliminari fis-sens illi l-Appell kien null in kwantu kien interpost b'Rikors u mhux b'Petizzjoni kif rikjest mil-Liġi.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-10 ta' Marzu, 1994, li minnha sar l-appell preżenti u li taqra hekk:

"Rat l-avviż ippresentat mill-atturi fis-17 ta' Lulju 1992 fejn talbu li prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna l-lokazzjoni tal-fond bla numru u presentament senjat bħala "Fgura United Football Club" fi Trip l-Isponsun, Fgura hija nulla u rexissa skond il-liġi stante illi saret mingħajr il-kunsens u l-approvazzjoni ta' l-atturi ko-proprjetarji tal-fond in kwistjoni li saru jafu biha fl-4 ta' Ġunju 1992 f'din l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Farrugia et vs Joseph Belli et noe" differita *Sine Die* fit-2 ta' Lulju, 1992 u dan wara x-xhieda ta' l-Ispettur Walter Spiteri. Il-kirja allegatament saret fit-28 ta' Diċembru 1980 mill-konvenut Feliċ Abela bil-kera ta' Lm75 fis-sena bil-quddiem. Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Il-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni ma jeċċedix il-Lm75 fis-sena;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Feliċ Abela fejn eċċepixxa illi huwa m'għandux ibati spejjeż stante li qatt ma kera lill-konvenuti l-oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Belli nomine fejn eċċepixxa illi kuntrarjament għal dak li hemm fl-Avviż l-atturi u l-aventi kawża tagħhom kienu jafu bl-esistenza ta' tali kirja;

2. Illi f'kull lok it-terminu jibda jiddekorri minn meta ssir il-lokazzjoni u mhux minn meta jsir jaf;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut *nomine* illi t-talba magħmula mill-attur Norman Buckle għandha tiġi miċħuda billi l-imsemmi ma għandux interess ġuridiku li jattakka din il-kirja billi meta din saret huwa ma kienx ko-proprjetarju tal-fond in kwistjoni iżda Feliċ Abela;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* ppreżentati fit-18 ta' Ottubru, 1993 fejn eċċepew illi din il-Qorti hija inkompetenti "*ratione materiae*" billi din il-kawża għandha ssir quddiem il-Bord tal-Kera u mhux quddiem din il-Qorti;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti *nomine* ppreżentata fl-10 ta' Diċembru, 1993 u r-risposta ta' l-atturi ppreżentata fis-26 ta' Jannar, 1994;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn jiġi rrilevat li l-konvenuti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom, jirtiraw it-tieni eċċezzjoni tagħhom kif wkoll l-aħħar eċċezzjoni ulterjuri dik tal-kompetenza;

Irriżulta mill-provi li l-konvenuti bħala membri ta' kumitat ta' Club tal-Football jokkupaw il-fond: "Fgura United Footbal Club" fi Triq l-Isponsun, il-Fgura. Dan il-fond hu proprjetà ta' l-atturi u l-konvenut Feliċ Abela fi kwoti ugwali. Il-vertenza bejn il-partijiet f'din il-kawża hi dwar il-kirja tal-fond fuq imsemmi fejn il-konvenuti qegħdin jibbażaw it-titolu tagħhom fuq irċevuta ta' kera ddatata 28 ta' Diċembru, 1980 iffirmata "F Abela". Qed jiġi allegat mill-atturi li huma ma kinux jafu b'din il-kirja li suppost saret minn ko-proprjetarju u għalhekk istitwew din l-azzjoni naxxenti mill-artikolu 1527 mill-Kodiċi Ċivili;

L-atturi u Feliċ Abela xehdu li l-Football Club kien ilu jokkupa l-fond sa mill-1980 u b'dan kienu jafu, però l-intendiment kien li dan kellu jkun bla ħlas u bi pjaċir u fil-fatt qatt ma rċeva xejn bħala korispettiv ta' din l-okkupazzjoni. Feliċ Abela stqarr kategorikament li ma kien jaf xejn bl-irċevuta tat-28 ta' Diċembru, 1980 u l-firma hemm murija ma kinitx tiegħu. Esebixxa fotokopja tal-karta ta' l-identità minn fejn jidher li l-firma tiegħu hi radikalment differenti minn dik li tidher fl-irċevuta. Fil-fatt, ħadd mill-konvenuti u x-xhieda minnhom prodotti, ex-membri ta' l-istess kumitat tal-club, ma assuma responsabbilità ta' din l-irċevuta u l-aktar li ġie konċess kien li dik l-irċevuta saret għal skopijiet ta' permessi tal-Pulizija;

Joseph Bartolo jgħid testwalment:

"Farrugia spjegali u qalli li għad li hemm imniżżel fuq dina l-irċevuta bħala Lm75 kera, dana għamilha ċara li ma kienx qed

jippretendi dan l-ammont u dana għamlu biss bħala irċevuta għall-fini tal-proċedura ta' l-applikazzjoni mal-pulizija;"

Joseph Farrugia li għalih hemm referenza f'din ix-xhieda jgħid li l-irċevuta qatt ma raha iżda jaf li l-fond kienu sselfuh u "sakemm kont president jiena ma jidhirlix li qatt ħallasna kera fi flus u lanqas rigali ..." fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 1993 jispjega li ".... kienu inutli li jiena mmur nitkellem mas-sidien fuq kera meta naf li ma kellix flus biex inħallasha". Dan hu korroborat mix-xhieda ta' l-ex-membri tal-kumitat rifless f'"*entry*" tal-ktieb tal-minuti tas-6 ta' Awissu, 1981: "Għalhekk, kif nistgħu nitħaddtu fuq kera, jekk il-club lanqas żewġt siġġijiet m'għandu biex jixtri ..."

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-riżultanza proċesswali l-Qorti hi sodisfatta li l-verżjoni mogħtija mill-atturi u Feliċ Abela hija korreta. Il-Club okkupa dan il-fond meritu tal-kawża b'mera tolleranza u l-irċevuta ddatata 28 ta' Diċembru 1980 hija falza intiża għal skopijiet ben diversi minn dak li suppost turi. Il-Qorti ma tiskanta b'xejn li ħadd ma assuma responsabbilità ta' din l-irċevuta peress illi dan seta' jisponihom għal proċedura kriminali iżda, tajjeb jew ħażin jibqa' l-fatt li kirja qatt ma kien hemm u a skans ta' kull titolu ieħor li lil din il-Qorti ma rriżultalhiex, it-titolu tal-Club għall-okkupazzjoni tal-fond hu wieħed prekarju għall-aħħar u jista' jitqies biss bħala wieħed ta' tolleranza;

Ikkunsidrat:

Dawn il-konsiderazzjonijiet però jikkontrattaw dak li qed jitolbu l-atturi fl-avviż odjern. It-talba tagħhom hija sabiex jiġu

awtorizzati ma jirrikonoxxux il-kirja li allegatament saret fit-28 ta' Diċembru, 1980. Dan il-Qorti ma tistax taghmlu ghas-sempliċi raġuni li din il-kirja qatt ma saret u t-talba taghhom ghan-nullità u riċessjoni ta' l-imsemmija kirja hija superfluwa ghax il-Qorti ma tistax tannulla u tirrexissi xi haġa li qatt ma ezistiet!

Ghalhekk din il-Qorti minghajr ma tippronunċja ruhha definittivament fuq it-talba ta' l-atturi biex ma jiġux ippreġudikati proċeduri ohra, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż stante ċ-ċirkostanzi li ghandhom jibqghu bla taxxa'';

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti fil-kwalità taghhom premessa li permezz taghha talbu li din il-Qorti joghġobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti billi jew tannullha jew tilqa' l-ewwel eċċezzjoni taghhom u l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri taghhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta tal-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazjoni;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn hemm preġudizzjali ssollevata mill-appellati fir-rigward tar-ritwalità ta' l-appell;

L-appellat qed jeċċepixxi li l-appell tal-konvenuti huwa null peress li sar b'rikors u mhux b'petizzjoni kif hu rikjest mil-liġi;

Illi dan l-aggravju huwa fondat peress li l-appell odjern sar permezz ta' rikors mentri l-proċedura tirrikjedi li jsir b'petizzjoni;

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tilqa' l-preġudizzjali ssollevata mill-appellati, tiddikjara l-appell tal-konvenuti irritu u null u konsegwentement ma tiħux aktar konjizzjoni tiegħu. Spejjeż għall-appellanti.